K.L.B.L. 34/19/2000

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2000 dwar il-Ħarsien ta' Art Pubblika (Kunsill Lokali Marsa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 35 ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali ta' Marsa għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dawn il-*Bye-Laws* jistgħu jissejħu l-*Bye-Laws* ta' l-2000 dwar il-Ħarsien ta' Art Pubblika (Kunsill Lokali Marsa).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"art pubblika" tfisser kull spazju miftuħ għall-pubbliku fil-konfini tal-lokalità tal-Marsa li taqa' taħt l-awtorità u l-amministrazzjoni tal-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att u tinkludi ġnien pubbliku, ġnejna pubblika, *centre-strip*, triq, bankina, mogħdija u kull spazju miftuħ ieħor maħsub għall-użu jew rikreazzjoni tal-pubbliku;

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"attività soċjali" tfisser kull attività li għandha għanijiet edukattivi, soċjali, kulturali jew informattivi iżda ma tinkludiex attivitajiet politiċi jew reliġjużi;

"attrezzaturi" tfisser bank, ċint, arblu, sinjal, tabella, tagħmir, barrikata, siġġu, apparat destinat għal-logħob tat-tfal u kull ornament, struttura jew ħaġa oħra mwaħħla jew imqiegħda fuq art pubblika;

"*bicycle*" tfisser rota ta' kull daqs li tinsaq bil-pedali, ikun xi jkun in-numru ta' roti tagħha u tinkludi *tricycle* u *skate-board*;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Marsa;

"persuna awtorizzata" tfisser kull persuna li tingħatalha l-awtorità skond is-subartikolu 3.2 ta' dawn il-*Bye-Laws*.

Tneħħija jew tqegħid ta' attrezzaturi.

3.1. Ebda persuna m'għandha tneħħi jew tqiegħed f'post ieħor, jekk mhux hekk awtorizzat mill-Kunsill, jew tuża ħażin, tagħmel xi ħsara jew b'xi mod tbagħbas xi attrezzaturi imqiegħda jew mibnija f'xi art pubblika.

Awtorità għall-użu ta' art pubblika.

3.2. Il-Kunsill jista' jagħti awtorità bil-miktub lil xi persuna sabiex għal perijodu speċifikat tuża art pubblika għal attività soċjali f'dak il-post u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jkunu stipulati fl-awtorità bil-miktub kif muri fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

3.3. Għandu jitħallas lill-Kunsill, meta tinħareġ awtorità taħt dan l-artikolu, dritt skond ma jidher fl-Iskeda B li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

3.4. Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, jew li tonqos li tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-awtorità, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

Użu ħażin ta' attrezzaturi eċċ.

4. Ebda persuna ma għandha:–

(a) tikkommetti atti ta' vandaliżmu jew b'xi mod ieħor tagħmel ħsara lill-attrezzaturi; jew

(b) tikkommetti atti ta' vandaliżmu jew b'xi mod ieħor tagħmel xi ħsara lis-siġar, xtieli, u fjuri li jinsabu fuq l-art pubblika; jew

(ċ) tuża l-bandli u attrezzaturi oħra destinati għar-rikrejazzjoni tat-tfal jekk tkun għalqet l-età ta' erbatax-il sena; jew

(d) tuża *bicycle* f'dik il-parti ta' l-art pubblika indikata b'sinjali mill-Kunsill bħala li ma jistgħux jidħlu *bicycles* fiha; jew

(e) tneħħi jew iċċaqlaq mingħajr il-permess bil-mitub tal-Kunsill xi attrezzaturi jew oġġetti oħra li jinsabu fuq l-art pubblika; jew

(f) taqta' fjuri, xtieli, pjanti, siġar u veġetazzjoni oħra li jinsabu fuq l-art pubblika; jew

(g) teqred, jew b'xi mod taħqar, annimali li jkunu jinsabu fuq l-art pubblika.

5. Bla ħsara għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed skond dawn il-*Bye-Laws,* kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* tista' titkeċċa minn fuq l-art pubblika minn uffiċjal tal-pulizija jew minn gwardjan lokali. Tkeċċija ta' min jikser il-*Bye-Laws.*

6.1. Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel, meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli piena oġħla taħt xi liġi oħra:– Penali.

6.1.1 għall-ewwel kontravvenzjoni ammenda ta' għoxrin liri Maltija;

6.1.2 għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni oħra li tiġi wara, ammenda ta' tletin liri Maltija; u

6.1.3 fil-każ ta' reat kontinwat ammenda ta' ħames liri Maltija għal kull jum li matulu tkompli l-kontravvenzjoni.

7. L-għoti ta' piena taħt dan l-artikolu jkun bla ħsara għall-jedd tal-Kunsill li jiġbor id-danni ċivili kollha li jkunu saru bl-għemil ta' xi kontravvenzjoni taħt dawn il-*Bye-Laws,* inkluż id-dritt li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa bi spejjeż tal-persuna misjuba ħatja. Danni ċivili.

8. Il-Kunsill jista' jirrevoka kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws* jekk ikun sodisfatt li xi wieħed mill-pattijiet jew mill-kondizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-imsemmija awtorizzazzjoni ma jkunx ġie mħares, jew jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li fil-fehma tal-Kunsill joħolqu l-ħtieġa li dik l-awtorizzazzjoni tiġi revokata. F'dan il-każ il-Kunsill ma jkunx meħtieġ li jħallas lura xi dritt li jkun diġà tħallas lill-Kunsill taħt l-iSkeda B li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws.* Revoka ta' l-awtorizzazzjoni.

D 148

SKEDA A

(Artikolu 3.2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-*Bye-Laws* ta' l-2000 dwar il-Ħarsien ta' Art Pubblika (Kunsill Lokali Marsa), il-Kunsill Lokali ta' Marsa qiegħed b'dan jagħti lil:–

_____

li joqgħod _____

li għandu l-karta ta' identità nru. _____

Isem ta' l-intrapriża jew kumpanija _____

Nru. tal-VAT _____

AWTORITÀ sabiex iżomm attività soċjali fl-area indikata fuq il-pjanta annessa taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet li ġejjin:–

1. Post: .....

2. Data: .....

3. Hin: Minn ..... sa .....

4. Matul il-ħin indikat fl-awtorità l-post indikat fl-ewwel paragrafu jkun taħt il-kontroll esklussiv tal-persuna awtorizzata.

5. Il-persuna awtorizzata għandha tiżgura illi fiż-żmien ta' din l-awtorità bl-ebda mod ma ssir ħsara lill-attrezzaturi, siġar, pjanti, bankijiet u dak kollu li jinsab fil-post imsemmi fl-ewwel paragrafu.

6. Fil-każ li ssir xi ħsara fil-post fiż-żmien ta' l-awtorità, il-persuna awtorizzata hija obbligata li tagħmel tajjeb għal dik il-ħsara u li tħallas lill-Kunsill għal kull spiża relattiva li jagħmel għat-tiswija ta' dik il-ħsara.

7. Il-persuna awtorizzata hija obbligata li sa mhux aktar tard minn erbat ijiem qabel ma tidħol fis-seħħ din l-awtorità, tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni favur terzi persuni u tagħti kopja ta' dik il-polza ta' assigurazzjoni lill-Kunsill. Il-persuna awtorizzata trid, qabel il-ħruġ ta' din l-awtorità, tiddepożita mal-Kunsill is-somma ta' Lm..... Il-Kunsill huwa awtorizzat li jieħu parti mid-depożitu jew id-depożitu kollu skond il-każ, f'każ li jiġri dak kontemplat fil-paragrafu 6. F'każ li ma tkun ġrat l-ebda ħsara, id-depożitu jingħata lura lill-persuna awtorizzata. Il-Kunsill jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jeżenta lill-persuna awtorizzata milli tagħmel depożitu u/jew milli tagħti polza ta' assigurazzjoni.

8. Il-persuna awtorizzata hija obbligata li malli tintemm din l-awtorità, għandha tħalli l-post fi stat nadif u tara li kull skart jiġi miġbur.

9. Din l-awtorità qed tingħata mal-ħlas ta' Lm_____.

_____ _____

Sindku Segretarju Eżekuttiv

D 150

SKEDA B

(Artikolu 3.3)

Drittijiet għall-Użu ta' Attrezzaturi u Art Pubblika

1. Dritt għall-Użu ta' Art Pubblika.

Attivitajiet Kulturali	–	bla ħlas
Attivitajiet Kummerċjali	–	Lm30 għal kull jum ta' l-attività

2. Tqegħid fuq l-art pubblika ta' *Stalls* jew Imwejjed għal Skopijiet Kummerċjali

Għal kull *stall* fejn ikel jiġi preparat u offrut għall-bejgħ fuq il-post	–	Lm 5 għal kull jum ta' l-attività
Għal kull *stall* ieħor	–	Lm2 għal kull jum ta' l-attività
Għal kull mejda	–	Lm2 għal kull jum ta' l-attività

3. Attivitajiet b'għan filantropiku.

Ħlas nominali ta' Lm1 għal kull attività li ssir b'għan filantropiku.